**31 ta' Jannar, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

**Il-Pulizija**

***versus***

**Paolo Calleja**

**Ħalib — "Milk Marketing Undertaking" — Liċenza — Annimali.**

*L-allegazzjoni tal-imputat, li hu akkużat li biegħ lill-"Milk Marketing Undertaking" ħalib imħafeff bl-ilma, fis-sens illi hu ma għandux ikun punit għax il-ħalib li nstab miżjud bl-ilma ma kienx minn tal-mogħoż tiegħu, imma tal-mogħoż ta' ħadd ieħor, u li huwa ppreżenta lid-Dipartiment dak il-ħalib biex jagħmel pjaċir li dak l-ieħor, billi d-Dipartiment ma riedx jeħodlu l-ħalib, tirrażenta l-apoloġija tad-delitt.*

*Dan ifisser li l-imputat irid jiġi skriminat għaliex qiegħed jingannа d-Dipartiment, fis-sens li, mentri dan, għar-raġunijiet tiegħu sanitarji, iddeċieda li ma jieħux il-ħalib tal-mogħoż ta' dak l-ieħor, l-imputat qiegħed jagħmel mod li jinnewtralizza din il-prekawzjoni.*

*Apparti dan, ladarba l-imputat hu miktub bħala l-fornitur mad-Dipartiment. "hu" għandu r-responsabbiltà tal-ħalib u jippreżenta.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat, talli fl-ewwel ta' Awissu 1958, fil-limiti ta' Tarxien, Żabbar Depot, Milk Marketing Undertaking, żamm

għall-bejgħ u biegħ ħalib imħaffef bl-ilma; u billi huwa kien misjub ħati għal drabi oħra tal-istess reat, il-Prosekuzzjoni talbet biex tingħata l-piena ndikata għall-każur tad-dispożizzjoni tal-art. 181 Kap. 54, kif ġie emendat bl-Att XXVIII tal-1949;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-12 ta' Novembru 1958, li biha sabitu ħati, u, stante li din kienet it-tielet kundanna, ikkundannatu ħmistax il-ġurnata priġunerija u £60 multa, jitħallsu bil-£5 fix-xahar;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Kwantu għall-eċċezzjoni dwar ix-xhieda tal-analista fol. 15, issir riferenza għall-motivi li bihom ġiet respinta, żvolti fil-kawża l-oħra fl-istess ismijiet li għadha kemm ġiet deċiża, u li ġiet trattata kontestwalment;

Fil-meritu;

Il-mezz tad-difiża f'dan l-appell jirrażenta l-apoloġija tad-delitt. L-appellant qiegħed jgħid li hu ma għandux ikun punit, għaliex il-ħalib li nstab miżjud bl-ilma ma kienx tal-mogħoż tiegħu imma tal-mogħoż ta' ċertu Farrugia, u l-imputat ippreżentah ma' tiegħu biex jagħmel pjaċir lil Farrugia, billi d-Dipartiment ma riedx jeħodlu l-ħalib;

Dan ifisser li l-imputat irid jiġi skriminat għaliex qiegħed jinganna d-Dipartiment, fis-sens li, mentri dan, għarraġunijiet tiegħu sanitarji, iddeċieda li ma jieħux il-ħalib tal-mogħoż ta' Farrugia, l-imputat qiegħed jagħmel mod li jinnewtralizza din il-prekawzjoni;

Apparti dan, ladarba dak li hu miktub bħala fornitur mad-Dipartiment hu l-imputat, hu ċar li "hu" għandu

jkun responsabbli tal-ħalib li jippreżenta; altrimenti ma jista' jkun hemm ebda kontroll;

Kwantu għar-reċidiva, jiswew ir-rimarki li hemm fis-sentenza mogħtija fil-kawża l-oħra fuq imsemmija;

Għal dawn ir-raġunijiet, tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Kwantu għall-piena pekunjarja, l-ewwel rata, kif stabbilita mill-Ewwel Qorti, titħallas żmien xahar mil-lum.